**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2010 — Proges vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-577/08)** ([1])

***("Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti Komunitarja — Programm ta' mudellar għall-użu tal-art — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Rikors għal annullament — Interess ġuridiku — Ammissibbiltà — Kriterji għall-għoti")***

(2010/C 134/55)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Proges — Progetti di sviluppo Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: M. Falcetta, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Bambara u E. Manhaeve, aġenti, assistiti minn de A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tad-29 ta' Ottubru 2008, li tirrifjuta l-offerta sottomessa mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti dwar l-implementazzjoni ta' programm ta' mudellar għall-użu tal-art, kif ukoll talba għall-kumpens għad-dannu subit mir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Proges — Progetti di sviluppo Srl hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 44, 21.2.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2010 — Eliza vs UASI — Went Computing Consultancy Group (eliza)**

**(Kawża T-130/09)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva li fiha l-kelma eliza — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti ELISE — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Reġistrazzjoni rrifjutata — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 134/56)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Eliza Corporation (Beverly, l-Istati Uniti) (rappreżentant: R. Köbbing, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Went Computing Consultancy Group BV (Utrechtl, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: A. Meijboom, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-28 ta' Lulju 2008 (Każ R 1244/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Went Computing Consultancy Group BV u Eliza Corp.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Eliza Corporation hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk inkorsi mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u minn Went Computing Consultancy Group BV.*

([1]) ĠU C 153, 4.7.2009.